# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 19 ta' Novembru, 2001**

**Numru**

**Appell Nru. 77/00**

**Teresina Portanier**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

## I. PRELIMINARI

1. Din is-sentenza sejra tiddeciedi kwistjoni jekk terza persuna interessata li thossha aggravata minn decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ('Il-Bord") ghandhiex dritt li tappella minnha quddiem din il-Qorti.

2. Dr. Godfrey Sant u martu Claudette Sant ("l-appellanti") hassewhom aggravati mid-decizjoni moghtija mill-imsemmi Bord fit-18 ta' Frar, 2000, fil-kaz "Terezina Portanier kontra l-Awtorita' ta' l-Ippjanar". Huma jiddiskrivu ruhhom fir-rikors ta' l-appell taghhom quddiem din il-Qorti bhala terzi aggravati u ghalhekk qeghdin jappellaw quddiem din il-Qorti minn din id-decizjoni tal-Bord. Huma qeghdin jitolbu, ghar-ragunijiet li spjegaw fir-rikors taghhom, li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar u tannulla l-imsemmija decizjoni tal-Bord tat-18 ta' Frar, 2000.

3. B'din id-decizjoni il-Bord iddecieda tlett appelli li kienu gew trattati minnu kontestwalment, liema appelli kienu saru minn Teresina Portanier fil-konfront ta' rifjut ta' hrug ta' permess ta' zvilupp li kienet talbet, kif ukoll fil-konfront ta' zewg Enforcement Notices li l-Awtorita' kienet harget kontra taghha.

4. Infatti rrizulta li Teresina Portanier kienet applikat lill-Awtorita' biex tinghata permess ta' zvilupp "to carry out alterations to an existing dwelling with garage on side curtilage" f'sit fil-Gharghur. Din l-applikazzjoni kienet giet diskussa mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp li, bid-decizjoni taghha moghtija fl-1 ta' Awissu, 1997, kienet laqghet in parti biss l-applikazzjoni in kwistjoni, cioe' dwar l-"*internal alterations"* izda rrifjutat dik il-parti ta' l-applikazzjoni li biha ntalab

permess ghal garage u ghal canopy. Irrizulta li fit-28 ta' Awissu, 1997, Teresina Portanier appellat minn din id-decizjoni quddiem il-Bord u l-appell relattiv inghata n-numru ta' registrazzjoni 421/97 KA.

5. Teresina Portanier kienet appellat ukoll quddiem il-Bord b'appell li nghata n-numru ta' registrazzjoni 546/96 EKA, minn Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq li nhareg fil-konfront taghha mill-Awtorita' fis-27 ta' Setembru, 1996. L-Awtorita' allegat li Teresina Portanier kellha zvilupp konsistenti minn struttura fis-side curtilage u estensjoni tal-*washroom* minghajr permess, fil-bini taghha in kwistjoni. Hija nghatat 21-il gurnata biex tregga' .l-izvilupp fl-istat originali tieghu.

6. Irrizulta li fit-2 ta' Novembru, 1998, l-Awtorita' ta' l-Ippjanar harget Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq iehor kontra Teresina Portanier li bih gie allegat li hija kellha, fis-sit in kwistjoni, zvilupp konsistenti minn garage fis-side curtilage kif ukoll alterazzjonijiet interni, liema xogholijiet kienu saru mhux skond il-pjanti approvati fil-permess PB 1682/83/2334/79 mahrug fil-15 ta' Frar, 1983. Hija nghatat 16-il gurnata biex tnehhi kull zvilupp illegali li kellha, u tregga' s-sit ghal kif approvat fil-permess imsemmi. Teresina Portanier appellat ukoll minn dan l-Avviz ta' Twettiq fit-30 ta' Novembru, 1998 quddiem il-Bord u l-appell relattiv inghata n-numru ta' registrazzjoni 878/98 EKA.

7. Kif diga' ntqal, dawn it-tlett appelli gew trattati mill-Bord kontestwalment u l-Bord iddispona minnhom bid-decizizjoni fuq riferita tat-18 ta' Frar, 2000. L-appell dwar ir-rifjut tal-permess gie deciz b'dan il-mod:-

> "Fl-ewwel lok il-Bord qed jichad it-talba ta' l-appellant li d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp ghandha tigi dikjarata nulla u dana peress li r-ragunijiet tar-rifjut jinsabu fid-DPA *report.* Ghalhekk il-Borde se jghaddi sabiex jikkunsidra l-mertu ta' l-appell. Dwar il-mertu hemmtlett punti: il-*garage* fis-*side curtilage,* il-*canopy,* u l-*internal alterations*. Dwar il-*garage* il-Borde hu tal-fehma illi huwa m'huwiex mibni skond il-permess u ghalhekk jehtieg li jigi *set back* mill-anqas 4.5 m mill-*building alighment.* Dwar il-*washroom* il-Bord hu propens li jissana l-izvilupp peress li l-kobor taghha mhux wiehed eccessiv: hemm zewg filati aktar milli suppost u *canopy.* Dawn m'humiex estetikament inaccettabbli u ghalhekk jistghu jigu ssanati ukoll. Il-Bord qieghed ukoll jissana l-*internal alterations*. Ghalhekk, il-Bord qed jilqa' l-appell, ihassar ir-rifjut tal-permess u jordna dan li gej:-
>
> a) li l-appellanta thallas multa sanatorja fl-ammont ta' mitt Lira Maltija fi zmien xahar mil-lum;
>
> b) wara li jsir tali hlas jinhareg il-permess suggett ghall-kundizzjonijiet standard u ghal kundizzjoni li l-*garage* fis-*side curtilage* ikun *set back* 4.5 m mill-*building line*.

8. Dwar l-ewwel *enforcement notice* l-Bord qal hekk:-

> "Waqt l-access il-Bord seta' jikkonstata l-korrettezza ta' dak li qed jigi allegat fl-avviz biex tieqaf u ta' twettiq u fix-xhieda ta' l-*enforcement officer*. Izda state li l-Bord qed jissana parzjalment l-izvilupp, il-Bord qed jikkonferma l-avviz ta' twettiq fir-rigward tal-garaxx fis-*side curtilage* li ghandu jkun *set back* b'4.5 m mill-*building line;* dwar il-kumplament ta' l-avviz ta' twettiq dan jithassar *ex lege* wara li jinhareg il-permess relattiv".

9. L-appell 878/98 EKA li kien jikkoncerna it-tieni *enforcement notice* gid deciz b'dan il-mod mill-Bord fl-imsemmija decizjoni tieghu:-

> "Il-Bord jinnota li l-izvilupp kolpit bl-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq se jigi sanat fit-rigward ta' l-*internal alterations* meta jinhareg il-permess relattiv. Filwaqt li dwar il-*garage*, parti minnu qed tigi ssanata wkoll. Madankollu, l-avviz ta' twettiq qed jigi kkonfermat fir-rigward tal-*garage* sakemm dan ma jikkonformax mal-4.5 m *set back* mill-*building alignment"*.

10. L-appellanti konjugi Sant, fir-rikors ta' l-appell taghhom quddiem din il-Qorti qeghdin jghidu li hassewhom aggravati mill-imsemmija decizjoni tal-Bord ghaliex l-istess decizjoni kien fiha ommissjoni allegatament konsistenti fil-fatt li l-Bord naqas li jiccara jekk l-indana t'isfel huwiex basement jew inkella ground floor. L-appellanti jilmentaw ukoll li l-Bord ma setghax jordna li jinhareg il-permess in kwistjoni meta kien hemm ksur flagranti ta' *enforcement*.

11. Fir-risposta taghha l-Awtorita' ta' l-Ippjanar tat eccezzjoni preliminari, fis-sens li l-appell intavolat mill-appellanti kien qed isir minn persuna li qatt ma kienet parti fl-appell quddiem il-Bord, u ghalhekk ma kienx permissibbli li l-appellanti jappellaw quddiem din il-Qorti ta' l-Appell.

12. Biex din il-Qorti tittratta u tidderimi din l-eccezzjoni preliminari ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, jehtieg li l-processi redatti mill-Bord jigu ezaminati biex din il-Qorti tkun tista' tikkonstata jekk l-appellanti, bhala

terzi persuni nteressati, kienux parti, jew hadux sehem, fl-appelli li Teresina Portanier kienet intavolat quddiem il-Bord. F'kaz ta' risposta fl-affermattiv ghal dan il-kwezit, s'intendi, l-eccezzjoni preliminari ma tkunx tista' tigi milqugha. Min-naha l-ohra, jekk ir-risposta ghall-imsemmi kwezit tkun fin-negattiv, allura din il-Qorti tkun trid tindaga u tiddeciedi kwistjoni ohra: Jekk, minkejja dan il-fatt, l-istess terzi persuni li hassewhom aggravati bid-decizjoni tal-Bord, setghux jappellaw quddiem din il-Qorti ai termini ta' l-artikolu 15(2) ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp.

13. <u>X'sehem hadu t-terzi persuni nteressati fl-appell quddiem il-Bord?</u>

Il-Qorti ezaminat it-tlett processi pendenti quddiem il-Bord u sabet hekk:-

a) Li l-qoxra tat-tnejn mit-tlett processi hemm notament "to inform third parties". Fil-fatt, it-terzi persuni, cioe' l-appellanti odjerni, tista' tghid li dejjem gew avzati bil-miktub mis-Segretarju tal-Bord bid-dati meta kienu sejrin jinzammu s-seduti tal-Bord, kif ukoll meta kienu sejrin jinzammu l-accessi. L-istess avviz kien jinghata wkoll lid-difensur tat-terzi persuni, cioe' l-Avukat Dottor Patrick J. Galea.

b) Li l-appellanti odjerni effettivament kienu jattendu ghas-seduti mizmuma mill-Bord u diversi verbali tal-Bord jirregistraw l-attendenza taghhom u anke tad-difensur taghhom.

c) Il-verbali tas-seduti tal-Bord ma jindikawx jekk l-appellanti odjerni thallewx jaghmlu sottomissjonijiet orali. Il-probabbilta' hija illi huma ma thallewx jaghmlu ebda sottomissjoni orali.

d) Nonostante li l-appellanti odjerni attendew ghall-access fuq is-sit fil-31 ta' Ottubru, 1997, access li kienu gew avzati minn qabel bih permezz ta' ittra tas-Segretarju tal-Bord, l-istess appellanti odjerni gew ordnati mill-Bord li ma jaccedux fil-proprjeta' ta' Teresina Portaniet, stante li din kienet opponiet ghall-prezenza taghhom fuq il-proprjeta' taghha.

e) L-appellanti odjerni ma thallewx jaghmlu sottomissjonijiet bil-miktub. L-ittra taghhom tal-5 ta' Dicembru, 1996, li fiha esponew dettaljatament il-kaz taghhom u l-opposizzjoni li kienu qeghdin jaghmlu ghat-talbiet ta' Teresina Portanier, giet sfilzata mill-Bord kif ukoll gew sfilzati n-nota u ittra tad-difensur taghhom.

f) L-appellanti odjerni kienu gew mgharrfa mis-Segretarju tal-Bord, permezz ta' ittra datata 25 ta' Awissu, 1997, li huma kellhom kull dritt jattendu ghas-seduti tal-Bord billi dawn kienu pubblici,. Pero' inghataw din it-twissija:-

> "Madanakollu skond il-ligi inti la ghandek id-dritt li tindirizza lill-membri tal-Bord u lanqas id-dritt li taghmel sottomissjonijiet bil-miktub. Il-Bord jisfilza mill-process kull sottomissjonijiet li jsiru minghajr id-debita awtorizzazzjoni tal-Bord".

g) Fis-seduta tat-22 ta' Gunju, 1999, il-Bord iddiferixxa l-appelli ghad-decizjoni. Dak il-hin Dr. Patrick Galea talab lill-Bord li jippermettilu jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub. Din it-talba giet michuda mill-Bord kif jinsab registrat fil-verbal, cioe':-

> "Dr. Patrick Galea ghat-*third parties* jitlob li jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu dwar l-appell. Il-Bord jichad it-talba in vista tas-sentenza tal-Qorti ta' l-appell tal-Perit Austin Attard Montaldo kontra l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ta' l-20 ta' Awissu, 1996, fejn il-Qorti qalet li l-partijiet quddiem il-Bord ta' l-appell huma l-appellant u l-Awtorita', u ghalhekk terzi persuni ma setghux jaghmlu sottomissjonijiet quddiem il-Bord".

h) L-okkju tad-decizjoni appellata tal-Bord huwa "Teresina Portanier kontra l-Awtorita' ta' l-Ippjanar". Billi l-okkju fl-atti tal-Qorti normalment iservi biex jidentifika l-partijiet fil-litigju, huwa evidenti li l-Bord qatt ma qies lill-appellanti odjerni bhala partijiet fl-appell li kellu quddiemu.

14. Illi ghalhekk jidher car li l-appellanti odjerni Dr. Godfrey Sant u martu Claudette Sant, ghalkemm kienu gew rikonoxxuti mill-Bord bhala terzi persuni nteressati, tant li kienu jigu nformati b'kull seduta u access li kien sejjer izomm il-Bord, pero', qatt ma tqiesu li kienu partijiet litiganti

fl-appell u qatt ma thallew jaghmlu sottomissjonijiet la oralment u lanqas bil-miktub.

15. Kif rajna, jirrizulta li l-Bord ipprojbixxa lill-appellanti odjerni li jaghmlu s-sottomissjonijiet li xtaqu jaghmlu, fuq l-iskorta tas-sentenza moghjtija minn din il-Qorti fl-20 ta' Awissu, 1996, fil-kawza fl-ismijiet Il-Perit Austin Attard Montaldo noe vs. Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar". Huwa veru li f'dik is-sentenza dik il-Qorti obiter tat interpretazzjoni pjuttost ristrettiva tal-frazi "kull parti interessata", frazi li tissemma' fis-subinciz 4 ta' l-artikolu 15 ta' l-Att in kwistjoni, billi rrestringietha ghall-partijiet fl-appell, cioe' il-parti aggravata mid-decizjoni ta' l-Awtorita' u l-Awtorita' ta' l-Ippjanar stess. Dan is-subinciz jiddisponi hekk:-

> "Ghandu jinghata avviz minn qabel ta' mhux anqas minn erbatax-il jum ta' kull laqgha tal-Bord b'dak il-mod li l-Bord jidhirlu xieraq, jew kif jigi preskritt taht l-artikolu 60 ta' dan l-Att, u kull parti interessata li tkun uriet il-hsieb li taghmel sottomissjonijiet, ghandha tigi mistiedna li taghmel hekk" (sottolinear tal-Qorti).

F'dik is-sentenza gie rilevat ukoll li f'dak l-istadju ta' l-appell il-process ma kienx ghadu wiehed konsultattiv, imma kien inbidel f'wiehed kwazi gudizzjarju decizjonali "fejn il-kontendenti jridu jkunu gew necessarjament identifikati fil-bidu tal-proceduri". Il-Qorti hawnhekk kienet qeghda timplika li mhux konsentit li kwalunkwe persuna li tghid li ghandha interess fil-proceduri kellha tithalla taghmel sottomissjonijiet. Pero', irid jigi enfasizzat li f'dik is-sentenza din il-Qorti ma eskludietx il-

possibilita' li terza persuna interessata tista' tithalla tintervjeni fl-appell <u>jekk il-Bord ikun sodisfatt li ghandha d-debitu interess</u>. Infatti, il-Qorti kienet esprimiet ruhha espressament li ma kien hemm xejn fil-ligi li a priori kien jeskludi l-intervent ta' terzi persuni interessati bhala parti mill-proceduri ta' l-appell quddiem il-Bord.

16. Il-Qorti thoss in-necessita' li hawnhekk tiftah parentesi billi l-importanza tal-materja li qeghda tigi diskussa timmerita ftit aktar approfondament nonostante li dan mhux strettament necessarju ghad-determinazzjoni tal-mertu propju ta' dana l-appell odjern.

17. Il-legislazzjoni dwar l-ippjanar ta' l-izvilupp hija wahda ricenti li anke introduciet certi koncetti pjuttost estraneji ghas-sistema gudizzjarju malti. Man mano li din il-legislazzjoni tkun qeghda tithaddem, wiehed jistenna li jinqalghu diffikultajiet ta' interpretazzjoni li jistghu u ghandhom jigu ccarati jew mill-organi li jissemmew fl-istess legislazzjoni bhal ma huwa l-Bord u anke din il-Qorti stess, jew ukoll b'intervent dirett legislattiv. Taht dan l-aspett jista' jissemma' wkoll li l-Ministru responsabbli ghall-ippjanar ta' l-izvilupp inghat s-setgha, ai termini ta' l-artikolu 60 li, fuq rakkommandazzjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, jista' jaghmel regolamenti li jaghtu effett aktar shih lid-disposizzjonijiet ta' l-istess Att. Fost dawn ir-regolamenti l-Ministru jista':

> "Sa fejn mhux provdut xort'ohra, jippreskrivi l-procedura li xi korp imwaqqaf b'dan l-Att ghandu jsegwi, u jemenda, izid jew xort'ohra

> jibdel kull haga li hemm fl-iskedi ta' dan l-Att li ghandhom x'jaqsmu mal-hwejjeg fuq imsemmija".

Wiehed allura jsaqsi jekk huwiex il-kaz li t-Tielet Skeda, li appuntu tittratta dwar il-procedimenti quddiem il-Bord, ghandhiex tkun riveduta, fid-dawl ta' l-esperjenza konsiderevoli miksuba f'dawn l-ahhar snin, bl-iskop li l-hidma fejjieda kwazi gudizzjarja ta' dan it-Tribunal importanti tkompli titjieb.

18. Wiehed jinnota li anke l-gurisprudenza ta' din il-Qorti ma hiex wahda statika. Din il-Qorti nghatat is-setgha li tirrevedi decizjonijiet tal-Bord li jkunu jinvolvu punti ta' ligi decizi mill-istess Bord. M'hijiex haga sorprendenti li l-gurisprudenza fuq din il-materja hija mistennija li tizviluppa fl-kors tas-snin, bl-elaborazzjoni tal-hsieb li l-Qorti tkun imsejjha li taghmel minn zmien ghal zmien, f'kazijiet godda li fihom jinghataw decizjonijiet li jitqiesu bhala "*landmark judgments".*

19. Appunti s-sentenza fuq riferita "<u>Il-Perit Austin Attard Montaldo vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar</u>", kienet wahda minn dawn il-"*landmark judgments*". Hemmhekk il-Qorti nterpretat diversi disposizzjonijiet tal-ligi biex tiddefinixxi min ezattament kienet <u>il-persuna aggravata</u> li kellha dritt ta' access quddiem il-Bord ai termini tas-subinciz 1 ta' l-Artikolu 15 ta' l-Att kif ukoll ta' l-ewwel paragrafu tat-tielet skeda annessa ma' l-istess Att. Sussegwentement, ezattament bl-Att

XXIII ta' l-1997, kien hemm intervent legislattiv li serva biex il-kwistjoni tkompli tkun iccarata.

20. Dik is-sentenza kienet irreferiet ukoll ghal "kull parti interessata" li tissemma' fis-subinciz 4 ta' l-istess artikolu 15. Pero', wiehed ghandu jinnota li din il-Qorti, sussegwentement, ghamlet diversi pronuzjamenti mportanti ohra li huma rilevanti ghas-suggett li qed jigi diskuss. Fosthom jistghu jigu senjalati tnejn minnhom biex jigi ndikat kif is-suggett evolva fil-hsieb ta' din il-Qorti.

21. Sejra ssir fl-ewwel lok referenza ghad-digriet moghti fit-30 ta' Mejju, 1997, fil-kawza "Gino Trapani Galea no vs. l-Awtorita' ta' l-Ippjanar". Din il-Qorti kienet waslet ghall-konkluzzjoni li l-istitut ta' l-intervent fil-kawza "in statu et terminis" jista' jigi utilizzat fil-kazijiet kongruwi f'appelli li jsiru quddiem din il-Qorti mid-decizjonijiet tal-Bord. Inter alia, din il-Qorti kienet qalet hekk:-

> "Anzi, il-Qorti jidhrilha li l-istitut ta' l-intervent fil-kawza jista' jkun mezz utili fi proceduri bhal dawn, li jikkoncernaw ligi li tezigi mizura ta' partecipazzjoni tal-pubbliku fil-process ta' l-Ippjanar. Dana fis-sens li l-Att numru 1 ta' l-1992, jipprovdi diversi disposizzjonijiet li jistiednu u jistennew l-intervent tal-pubbliku fl-ipprocessar ta' applikazzjonjiet ghal zvilupp. Tista' ssir riferenza, per ezempju, ghall-artikoli 35, 32(4) u 13(5), fost artikoli ohrajn ta' l-imsemmi att li jindikaw process kontinwu konsultattiv mal-pubbliku. Process li llum il-gurnata sar desiderabbli, mhux minhabba xi moda, izda minhabba li llum is-socjeta' saret ferm aktar konxja minn qabel bil-fatt li decizjonijiet dwar l-ippjanar ta' l-izvilupp ma jirrigwardawx biss is-sit ta' l-art li fuqha jintalab l-izvilupp, izda wkoll jeffettwaw b'mod sinifikattiv lil kull persuna li tghix jew ghandha proprjeta' f'dawk l-inhawl. Dawn il-persuni ghandhom ukoll id-dritt f'ambitu tal-ligi, li jissalvagwardjaw l-

ambjent u l-kwalita' tal-hajja taghhom u assiguraw ruhhom li l-permessi ghall-izvilupp jinhargu strettament skond il-ligijiet u r-regolamenti applikabbli ghall-kazi partikolari. Ghalhekk din il-Qorti jkollha tistqarr li ma tikkondividix it-thassib ta' l-appellat li l-intervent mitlub jintralcja l-proceduri ta' l-appell billi:-

> "Kull persuna li jekk jidhrilha tkun tista' tibda tintervjeni f'kull appell fejn tkun involuta l-Awtorita' ta' l-Ippjanar b'komplikazzjoni enormi tas-sitwazzjoni guridika u b'dannu kbir ghall-partijiet tal-gudizzju".
>
> Meta jigi finalizzat il-process inizjali konsultattiv u jinghata bidu ghal process kwazi gudizzjarju quddiem il-Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar, jew ghad-dirittura ghall-process gudizzjarju quddiem din il-Qorti, ir-rekwizit ta' l-interess gudizzjarju jkun irid jigi definit sewwa. Fi kliem iehor, mhux kull kwalita' ta' interess, ikun ta' liema xorta jkun, ikun sufficjenti sabiex jintitola terza parti li tintervjeni fil-kawza. Min jittanta jintervjeni jrid juri qabel xejn li ghandu verament interess guridiku rejali, attwali u personali x'jipprotegi. Dan r-rekwizit, certament iwassal biex jillimita l-access tal-persuni li jistghu jintervjenu ghal dawk il-persuni li verament ikunu sejrin jintlaqtu personalment bl-izvilupp suggerit".

22. L-ghoti ta' dan id-digriet iqajjem kwezit interessanti, li ma setghax jisfuggi lill-istudjuzi ta' din il-materja: Jaghmel sens li wiehed jimpedixxi l-partecipazzjoni quddiem il-Bord ta' persuna li tista' talvolta tkun kapaci li tissodisfa lill-istess Bord li kellha interess sufficjenti fil-proceduri biex tithalla tintervjeni, meta dik l-istess persuna eventwalment seta' jkollha kull dritt li tintervjeni "in statu et terminis" quddiem din il-Qorti, fl-appell li seta' eventwalment isir mid-decizjoni relativa tal-Bord quddiem din il-Qorti?.

23. Fit-tieni lok, il-Qorti sejra tissenjala d-digriet moghti fil-11 ta' Jannar, 1999, fil-kawza fl-ismijiet: <u>"Paul Vella vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"</u>. F'dan id-digriet, inter alia, din il-Qorti qalet hekk:-

> "Certament il-ligi ma tipprojbix lil terzi persuni nteressati li jaghmlu sottomissjonijiet quddiem il-Bord. Infatti, is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-ippjanar ta' l-izvilupp, wara li accenna ghall-avviz tempestiv li ghandu jinghata dwar seduti, testwalment jiddisponi li:-
>
>> "Kull parti interessata li tkun uriet il-hsieb li taghmel sottomissjonijiet ghandha tigi mistiedna li taghmel hekk".
>
> Isegwi ghaldaqstant li l-Bord ma ghamel xejn hazin li ppermetta lir-residenti tax-Xemxija, bhala terzi interessati, li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom. Bhala Bord amministrattiv, b'poteri u doveri ta' korp kwazi gudizzjarju, il-Bord ghandu obbligu li josserva r-regoli tal-procedura li jistghu isiru taht l-artikolu 60 ta' l-imsemmi att. Is-subartikolu 9 ta' l-artikolu 15 imbaghad jipprovdi:-
>
>> "Fin-nuqqas ta' regoli bhal dawk dwar kull haga, il-Bord jista' jirregola l-proceduri tieghu".
>
> Bis-sahha ta' din in-norma, ir-regoli tal-procedura quddiem it-Tribunali ordinarji m'humiex awtomatikament applikabbli. Infatti, kieku wiehed kellu japplika r-regoli tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-andament tal-proceduri quddiem il-Bord, kieku wiehed isib hafna x'jikkritika. Hekk per ezempju, il-qrati ma jhallux li jsiru sottomissjonjiet mhux awtorizzati wara li l-kawza tithalla ghas-sentenza. U biex parti interessata tkun tista' taghmel is-sottomissjonijet f'kawza, din il-parti trid qabel xejn tigi debitament identifikata u tigi espressament awtorizzata li tintervjeni fil-kawza.
>
> Bis-sahha ta' l-imsemmi subartikolu (9) ta' l-artikolu 15, il-Bord jista' validament jaghzel li ma jsegwix ir-regoli tal-procedura li normalment isegwu l-qrati ordinarji. Infatti, hu risaput li, bhala Bord amministrattiv, il-Bord jista' jaddotta procedura pjuttost informali, u dana sabiex jikseb il-vantagg ta' l-ispeditezza, li sikwit tigi sagrifikat minhabba l-formalita' li jesigi l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Madanakollu, id-disposizzjoni kontenuta fl-imsemmi subartikolu 9 ta' l-artikolu 15

> ma tistax tigi nvokata bhala xi passaport ta' immunita' ghal dak li jirrigwarda l-osservanza ta' certi regoli li jassiguraw lil dak li jkun mizura ta' gustizzja almenu minima, bhal ma jassiguraw ir-regoli tal-gustizzja naturali".

24. Hawnhekk il-Qorti certament immanifestat il-hsieb taghha li riedet twessa' konsiderevolment l-interpretazzjoni li kienet tat fis-sentenza imsemmija "Il-Perit Austin Attard Montaldo vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar" tal-frazi "kull parti interessata" liema frazi tissemma' fl-imsemi artikolu 15 (4). F'dan il-kontest, il-Qorti tista' tislet argument iehor minn qari tas-segwenti disposizzjonijiet favur tali interpretazzjoni aktar wiesgha u liberali. L-artikolu 15 (4) jiddisponi hekk:-

> "Kull parti interessata li tkun uriet il-hsieb li taghmel sottomissjonijiet ghandha tigi mistiedna li taghmel hekk".

Imbaghad fit-tielet skeda hemm zewg disposizzjonijiet li huma wkoll rilevanti:-

> "3. L-appellant jista' jidher quddiem il-Bord jew personalment jew permezz ta' agent fil-gurnata u l-hin iffissati ghas-smiegh, jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu u jipproduci dawk il-provi li l-Bord jippermetti............
>
> 4. Il-Bord ghandu jaghti lill-Awtorita' l-opportunita' li taghmel sottomissjonijiet biex tiggustifika d-decizjoni taghha u ggib dawk il-provi li l-Bord jidhirlu mehtiega". (sottolinejar tal-Qorti)

Li kieku l-ligi fl-artikolu 15 (4) riedet tillimita d-dritt li wiehed jaghmel sottomissjonijiet ghall-partijiet quddiem il-Bord biss, allura wiehed jista' jargumenta li l-paragrafi 3 u 4 tat-tielet skeda fuq citati kienu

kompletament superfluwi billi dawn jaghmlu espressa riferenza ghad-dritt ta' l-appellant u ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li taghmel sottomissjonijiet quddiem il-Bord. Biex tghid kollox, pero', din il-Qorti ghandha zzid li dan l-argument kien ikollu forza akbar li kieku ma hux fatt li t-Tielet Skeda tikkontjeni diversi ripetizzjonijiet ta' koncetti li diga' jinstabu fl-artikolu 15 imsemmi.

25. Wara li l-Qorti kkjarifikat il-posizzjoni attwali kif tidher mill-ottika ta' din il-Qorti, huwa necessarju li l-Qorti taghlaq il-parentesi li fethet u tirritorna ghall-meritu proprju ta' l-appell odjern. Kif rajna, is-sehem ta' l-appellanti odjern, cioe' tal-konjugi Sant, fl-appelli quddiem il-Bord, kien limitat ghal wiehed ta' semplici prezenza fizika, dejjem assidwu u regolari, izda fi rwol ta' semplici osservatur kompletament passiv ta' l-iter kollu processwali quddiem il-Bord. Interessanti li jigi notat li l-appellati odjerni ma jidhrux li qatt talbu <u>formalment</u> biex jintervjenu fl-appelli ta' Teresina Portanier fis-sens strett ta' l-artikolu 960 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Kif rajna dan huwa artikolu li certament japplika quddiem il-qrati ordinarji, inkluz quddiem din il-Qorti ta' l-Appell.

26. L-appellanti assolutament ma kienux parti fil-kawza quddiem il-Bord. Wiehed allura difficilment jista' jifhem kif dehrilhom li kellhom dritt

jappellaw mid-decizjoni tal-Bord quddiem din il-Qorti. Ta' min ifakkar hawn li s-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 15 jiddisponi li:-

> "Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell il-Qorti ta' l-Appell".

27. It-twegiba ghall-kwezit dwar min jista' jintavola appell mid-decizjoni tal-Bord quddiem din il-Qorti taht l-imsemmi artikolu 15 (2), taghtihielna t-tielet skeda stess precizament fil-paragrafu 8 taghha li jiddisponi hekk:-

> "Jekk l-appellant jew l-Awtorita', ma jaqblux ma' xi punt ta' ligi deciz mill-Bord, huma jistghu jappellaw lill-Qorti ta' l-Appell b'applikazzjoni prezentata kif provdut fis-subartikolu (10) ta' l-artikolu 15 ta' dan l-Att".

28. Il-kliem uzat huwa carissimu u allura ma jinhtieg l-ebda interpretazzjoni minn din il-Qorti. Jistghu jappellaw biss jew l-Awtorita' ta' l-Ippjanar jew il-persuna li kienet hassitha aggravata b'decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, cioe', jew l-applikant stess jew dik it-terza persuna aggravata li kienet tikkwalifika taht il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu 15. Naturalment setghu japplikaw ukoll quddiem din il-Qorti dawk l-appellanti quddiem il-Bord a tenur ta' l-artikolu 52 (6) u (1).

29. L-appellanti odjerni certament ma humiex persuni li jikkwalifikaw ruhhom taht xi wahda mill-kategoriji li ssemmew aktar qabel. Huma ma kienux il-persuna li thossha aggravata li tissemma fl-artikolu 15(1) (a). Anzi wiehed jista' jghid illi d-decizjonijiet li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar hadet fil-konfront ta' Teresina Portanier kienu jagevolaw u jsostnu t-tezi ta' l-appellanti odjerni. Huma allura qatt ma setghu jkunu appellanti quddiem il-Bord billi dan il-rwol ta' appellanti kienet assumietu unikament l-istess Teresina Portanier li hassitha aggravata bid-decizjonijiet in kwistjoni ta' l-Awtorita'.

30. L-appellanti jippruvaw jeradikaw id-dritt ta' appell quddiem din il-Qorti fuq il-bazi tas-subartikolu(1) u (2) ta' l-imsemmi artikolu 15. Huma jirrimarkaw:-

> "Gialadarba huwa eradikat id-dritt ta' terza persuna li tidher quddiem il-Bord ta' l-Appell a tenur ta' l-artikolu 15 ta' l-Att 1 ta' l-1992, isegwi wkoll id-dritt ta' appell fuq punt ta' ligi minn decizjoni ta' l-istess Bord. Jizdied jinghad li a tenur ta' l-artikolu 15 l-esponenti kienu ghamlu sottomissjonijiet in extenso".

Li ma qalux l-appellanti huwa li l-Bord qatt ma ppermettielhom jaghmlu tali sottomissjonijiet u meta huma, ciononstante ipprezentawhom, il-Bord ordna l-isfilz taghhom.

31. L-appellanti jargumentaw li d-dritt taghhom li jappellaw mid-decizjoni tal-Bord quddiem din il-Qorti isegwi awtomatikament mid-dritt li l-ligi taghti lit-terz aggravat mid-decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li jappella quddiem il-Bord. Pero' din il-Qorti ma tara l-ebda validita' f'dan l-argument. Il-gurisprudenza li l-appellanti jiccitaw hi applikabbli ghad-dritt ta' terzi aggravati minn decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li jappellaw mill-istess decizjoni quddiem il-Bord u mhux ghall-allegat dritt li terzi aggravati mid-decizjoni tal-Bord jappellaw quddiem din il-Qorti.

32. Fis-sistema guridiku malti huwa rikonoxxut id-dritt tat-terz li jappella quddiem din il-Qorti minn decizjonijiet <u>li jinghataw mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili</u>. Infatti, l-artikolu 236 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jiddisponi li:-

> "L-appell jista' jsir mhux biss mill-partijiet fil-kawza izda wkoll minn kull min ikollu interess".

Pero' dan l-artikolu ma jistax jagevola lill-appellanti ghaliex m'huwiex applikabbli fil-konfront tad-decizjonijiet li jaghti l-Bord. Infatti, taht l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp ma nsibu l-ebda dritt statutorju analogu moghti lil terz interessat li jappella quddiem din il-Qorti minn decizjoni tal-Bord. Anzi kif diga' intqal, insibu id-dicitura netta u kjara tal-paragrafu 8 tat-Tielet Skeda li, tajjeb jew hazin, tiddetermina min jista' jappella quddiem il-Qorti mid-decizjonijiet tal-Bord. Din id-dicitura

tfisser li persuna interessata tista' tigi ammessa biex tittratta quddiem il-Bord u anke tissolleva punti ta' dritt li eventwalment jigu decizi minnu, pero' ma jidhirx li l-istess persuna interessata ghandha id-dritt tappella quddiem din il-Qorti jekk thossha aggravata mid-decizjoni tal-Bord fuq dan il-punt ta' dritt.

33. Illi ghalhekk l-appellanti konjugi Sant ma ghandhom l-ebda "locus standi" quddiem din il-Qorti, u, konsegwentement, l-appell taghhom huwa proceduralment irritu u null.

34. Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni preliminari ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u ghalhekk tichad l-appell, bl-ispejjez kontra l-appellanti konjugi Sant.

Dep/Reg

mm